**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 1449/00VG**

**Carnaby Limited già Carnaby Maintenance Limited**

**Vs**

**George Papagiorcopulo f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited**

**Illum 7 ta' April 2016**

**Il-Qorti**,

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà Carnaby Limited già Carnaby Maintenance Limited fid-29 ta' Settembru 2000 permezz ta' liema titlob li George Papagiorcopulo f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited jigi kkundanat ihallasha s-somma ta' tmien mija hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm875), illum ekwivalenti ghal €2,038.20, in konnessjoni mal-pagament u relattiv trasferiment tal-Leyland Truck bin-Numru ta' Registrazzjoni CAD-645 li kien irregistrat fuq isem Vincent Dimech ghan-nom ta' l-istess socjetà, bl-ispejjez kontra l-imsemmi George Papagiorcopulo f'ismu proprio u in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata minn George Papagiorcopulo f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) preliminarjament, is-socjetà attrici Carnaby Limited trid tipprova li hija s-successur fit-titolu ta' Carnaby Maintenance Limited; u (ii) fil-meritu, huwa, kemm f'ismu proprio u kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited, ma huwiex debitur tas-socjetà attrici ghall-ammont reklamat u ghaldaqstant it-talbiet attrici in kwantu rivolti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici;

Rat id-dokumenti, ossia kopja tal-provi kollha li nstemghu fil-kawza bl-Avviz Nru. 1450/00SM fl-ismijiet "Carnaby Limited già Carnaby Maintenance Limited v. George Papagiorcopulo pro et noe" b'meritu simili ghall-kawza in ezami, esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Lulju 2002 a fol. 15 sa' 25 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Adrian Delia[1] u ta' Tony Debono[2] moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2003 u rat id-dokumenti esebiti mill-Avukat Dottor Adrian Delia a fol. 30 sa' 33 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Edward Demicoli moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2005[3] u rat id-dokumenti esebiti a fol. 45 sa' 47 tal-process, rat l-affidavit ta' Charles Demicoli esebit mis-socjetà attrici bhala Dok. "CL1" permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Dicembru 2005 a fol. 51 u 52 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut George Papagiorcopulo moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2010[4] u x-xhieda ta' Brian Farrugia, in rapprezentanza ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Novembru 2010[5], tas-16 ta' Mejju 2011[6] u ta' l-14 ta' Dicembru 2011[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "BF1" a fol. 103 sa' 105 tal-process u Dok. "GV1" a fol. 113 u 114 tal-process;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Carnaby Limited già Carnaby Maintenance Limited v. George Papagiorcopulo f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited" Avviz Nru. 1450/00, allegati ma' dawn il-proceduri[8];

Rat li waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2012[9] il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi maghluq;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tas-socjetà attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' Lm875, illum ekwivalenti ghal €2,038.20, in konnessjoni mal-pagament u relattiv trasferiment tat-truck ta' l-ghamla Leyland bin-Numru ta' Registrazzjoni CAD-645 li kien irregistrat fuq isem Vincent Dimech ghan-nom ta' l-istess socjetà. Il-konvenut proprio et nomine jopponi ghat-talba attrici u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) preliminarjament is-socjetà attrici Carnaby Limited trid tipprova li hija s-

[1] Fol. 28 u 29 tal-process.
[2] Fol. 34 tal-process.
[3] Fol. 40 sa' 43 tal-process.
[4] Fol. 80 sa' 84 tal-process.
[5] Fol. 93 tal-process.
[6] Fol. 106 u 107 tal-process.
[7] Fol. 115 u 116 tal-process.
[8] Fol. 85 tal-process.
[9] Fol. 118 tal-process.

successur fit-titolu ta' Carnaby Maintenance Limited; u (ii) fil-meritu, huwa, kemm f'ismu proprio u kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited, ma huwiex debitur tas-socjetà attrici ghall-ammont reklamat u ghaldaqstant it-talbiet attrici in kwantu rivolti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi indirizzata hija dik sollevata mill-konvenut proprio et nomine bl-eccezzjoni preliminari tieghu, u cioè li s-socjetà attrici Carnaby Limited trid tipprova li hija s-successur fit-titolu tas-socjetà Carnaby Maintenance Limited.

Mill-provi prodotti mis-socjetà attrici u senjatament mix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Adrian Delia, Direttur u azzjonist fis-socjetà attrici Carnaby Limited, moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2003[10], mix-xhieda ta' Edward Demicoli, fiz-zmien Direttur tas-socjetà Carnaby Limited, moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2005[11] u mill-affidavit ta' Charles Demicoli[12], fiz-zmien Direttur u azzjonist fis-socjetà Carnaby Maintenance Limited, jirrizulta li s-socjetà Carnaby Limited u s-socjetà Carnaby Maintenance Limited ma humiex zewg socjetajiet separati u distinti minn xulxin jew kumpanija li giet amalgamata fl-ohra, izda huma l-istess socjetà li originarjament kien jisimha Carnaby Maintenance Limited u fil-kors taz-zmien inbidlilha isimha ghal Carnaby Limited.

Fir-rigward l-Avukat Dottor Adrian Delia xehed illi *jiena personalment u Tony Debono,... konna akkwistajna shares fil-kumpannija Carnaby Maintenance Limited, li imbaghad saret Carnaby Limited*, Edward Demicoli xehed illi *l-kumpanija Carnaby Maintenance Limited ... din kien inbidlilha l-isem u fil-fatt saret Carnaby Limited. Nixtieq nispjega li kien sar dan il-bdil ta' isem peress illi fl-attivitajiet taghha Carnaby Limited ma komplietx taghmel dak ta' maintenance* u Charles Demicoli xehed illi *jiena kont nokkupa l-kariga ta' direttur fis-socjetà Carnaby Limited sa' l-14 ta' Marzu 1997, illi qabel kienet maghrufa bhala s-socjetà Carnaby Maintenance Limited.*

Fid-dawl ta' dawn il-fatti, li ma gewx kontradetti mill-konvenut proprio et nomine, il-Qorti tqis li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-istess konvenut proprio et nomine, jew ahjar l-implikazzjonijiet taghha f'kaz ta' nuqqas ta' prova da parte tas-socjetà attrici, ma ghandiex tigi milqugha stante li meta jinbidel isem socjetà ma jkunx hemm sitwazzjoni ta' bdil fil-personalità guridika izda semplicement bdil fl-isem.

F'tali rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. v. IV's Co. Ltd. (già Santa Group Limited) bhala debitur principali u Ivan Cutajar bhala garanti solidali, Citaz. Nru. 63/02** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003, fejn dwar eccezzjoni

[10] Fol. 28 u 29 tal-process.
[11] Fol. 40 sa' 43 tal-process.
[12] Fol. 52 tal-process.

sollevata f'dawk il-proceduri simili għall-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut proprio et nomine f'dawn il-proceduri, dik il-Qorti osservat illi *t-tieni eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda għax mhux qed jiġi allegat li l-kumpanija IV's Co. Ltd. hija s-suċċessur fit-titolu tas-soċjetà Santa Group Limited, iżda li dawn iż-żewġ ismijiet, fil-fatt, jirreferu għall-istess kumpanija. Hawn mhux każ ta' kumpanija li qed tidħol flok oħra, jew waħda amalgamat ma' oħra, iżda ta' kumpanija waħda u l-istess li, fil-kors ta' l-eżistenza tagħha, biddlet isimha. Dan il-bdil ma jbiddilx il-personalità ġuridika tal-kumpanija debitriċi li baqgħet l-istess kif kienet meta ġew iffirmati ż-żewġ kuntratti fl-14 ta' Awwissu, 1997.*

In kwantu rigwarda l-meritu ta' dawn il-proceduri jiġi osservat li s-soċjetà attriċi qed tippretendi ħlas mingħand il-konvenut proprio et nomine ta' ammont li skontha jirrappreżenta sehemu minn ammont ikbar imħallas minnha lil ċertu Emanuel Grima għal truck ta' l-għamla Leyland, meta dan it-truck kien ġie, qabel ma tħallas il-prezz intier tiegħu, trasferit mill-imsemmija soċjetà a favur Charles Demicoli u l-konvenut.

Dwar dan l-allegat negozju u l-ħlas effettwat lil Emanuel Grima, Edward Demicoli[13] xehed illi *din il-kumpanija* [ossia s-soċjetà attriċi] *kienet ġiet akkwistata fil-fatt minni, minn Dr. Adrian Delia u minn ċertu Anthony Debono. Meta akkwistajna l-kumpanija fil-fatt kien hemm ftehim, però verbali biss, li kien jirreferi għal xogħol mhux fl-airport. Fil-fatt il-ftehim kien illi jitneħħew, ossia jiġu trasferiti xi assi ta' Carnaby Maintenance Limited fosthom it-truck in kwistjoni. Dawn l-assi fosthom dan it-truck u xi għodda fil-fatt kienu nżammu mid-diretturi ta' Carnaby Maintenance Limited. Għalhekk aħna ħadna biss l-airport operation. Wara xi sena indunajna però li kien sar xi żball mill-accountant. Dan l-accountant fil-fatt meta sar it-trasferiment tal-kumpanija, kif spjegat, kien baqa' l-istess ċertu Warrington. Dan l-iżball kien jinvolvi ħlas li sar minn Carnaby Limited lil ċertu Emanuel Grima li minn għandu kien inxtara oriġinarjament dan it-truck u kien għad fadal xi pagamenti x'isiru lilu. Aħna fil-fatt kif diġà spjegajt ma kellniex x'naqsmu aktar ma' dan it-truck. Meta skoprejna dan l-iżball kienet intbagħtet ittra lil Charles Demicoli bħala wieħed mid-diretturi tal-kumpanija oriġinali. Dan kien spjegali li t-truck kien ġie mibjugħ. Dan il-bejgħ kien sar flimkien ma' direttur ieħor George Papagiorcopulo. Meta avviċinajna lil Charles Demicoli dwar dan, fil-fatt hu tagħna nofs is-somma dovuta waqt li skond Demicoli n-nofs l-ieħor kellu jingħabar mingħand George Papagiorcopulo. … ser nesebixxi korrispondenza li kien hemm bejn Carnaby Maintenance Limited meta kienet diġà akkwistata minni u l-oħrajn matul in-1998 u d-diretturi preċedenti fosthom Demicoli u George Papagirocopulo. B'kollox hemm kopji ta' tlett (3) ittri[14]. Meta kont tkellimt ma' George Papagiorcopulo dana rrifjuta, anzi qal li ma kellux jagħmel xi ħlas dwar dan it-truck mingħajr ma tagħni ebda raġuni.*

[13] Xhieda mogħtija waqt seduta miżmuma fis-17 ta' Jannar 2005, fol. 40 sa' 43 tal-process.
[14] Fol. 45 sa' 47 tal-process.

L-Avukat Dottor Adrian Delia xehed illi *wara li hadna over il-kumpanija, Emanuel Grima kompla jithallas. Fil-fatt b'kollox kien thallas Lm1,700. Però sar arrangement ma' l-azzjonisti jew dirigenti ta' l-istess kumpanija in kwistjoni biex dan it-truck jinghata lilhom. Dawn kienu Charles Demicoli u George Papagiorcopulo. Skond il-ftehim verbali li kien intlahaq bejn George Papagiorcopulo u Charles Demicoli u ahna, meta hadu t-truck lura kellhom jirrifondu lill-kumpanija taghna l-ammont ta' Lm1,750 li semmejt. B'konnessjoni ma' dan, naghmel referenza ghal ittra li ser nesebixxi issa stess, bhala kopja datata 27 ta' Mejju 1998 mibghuta lil Charles Demicoli. Fil-fatt in konnessjoni ma' din l-ittra kitbilna Charles Demicoli personalment u maghha baghat cekk ta' nofs l-ammont cioè Lm875, u dan bhala pagament ta' sehemu kif jidher mill-istess ittra. Fl-istess ittra jidher ukoll li l-bilanc kellu jithallas minn George Papagiorcopulo. Nixtieq nghid li meta ahna hadna over il-kumpanija Carnaby Limited, kien hemm accountant, certu Warrington u ahna zammejnih bhala accountant. Ahna ghidna lill-istess Warrington sabiex jikkuntattja lil George Papagiorcopulo. Dan informal ill-istess accountant li kellna nibghatu invoice ta' dan il-bilanc lill-kumpanija ta' l-istess George Papagiorcopulo bl-isem ta' MS Three Services Limited. Ahna fil-fatt bghatna dan l-invoice kif ukoll rendikont dettaljat dwar l-ammont*[15].

Fl-affidavit tieghu Charles Demicoli ddikjara li *jiena u George Papagiorcopulo fil-vesti taghna ta' diretturi tas-socjetà attrici konna xtrajna truck ta' l-ghamla Leyland bin-Numru ta' Registrazzjoni CAD-645 minghand certu Emanuel Grima. Sussegwentement meta s-socjetà attrici giet mibjugha lil Edward Demicoli, Anthony Debono u l-Avukat Dottor Adrian Delia, jien u George Papagiorcopulo konna dhalna fi ftehim verbali sabiex il-vettura ma tigix trasferita. Fil-fatt il-vettura qatt ma ghaddiet f'idejn id-diretturi l-godda. Jidher illi meta l-kumpanija giet trasferita, il-vettura ma kenitx thallset kollha u minkejja illi l-vettura konna zammejniha ahna, jidher illi d-diretturi l-godda baqghu jhallsu lil Emanuel Grima l-bilanc rimanenti mill-prezz tal-vettura. Inzid nghid illi jiena kont gejt infurmat b'dan u jiena, George Papagiorcopulo u d-diretturi l-godda konna ftiehmna illi nirrifondulhom il-bilanc illi huma kienu hallsu lil George Grima. Nghid illi jien hallast sehemi u cioè is-somma ta' tmien mija u sebghin Lira Maltin (Lm875). Nghid illi l-ftehim ma' George Papagiorcopulo kien illi huwa jhallas in-nofs l-iehor*[16].

Il-konvenut George Papagiorcopulo kategorikament jichad li hu fil-vesti tieghu personali kif ukoll fil-vesti tieghu ta' rapprezentant tas-socjetà MS Three Services Limited qatt kellu konnessjoni diretta mas-socjetà Carnaby Maintenance Limited u jikkontendi li ma kellu assolutament xejn x'jaqsam fl-akkwist u l-konsegwenti allegat trasferiment tat-truck li fir-rigward tieghu s-socjetà attrici tippretendi minghandu r-refuzjoni tas-somma ta' Lm875.

---

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2003, fol. 28 u 29 tal-process.
[16] Fol. 52 tal-process.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2010[17], il-konvenut iddikjara li ghalkemm tramite s-socjetà tieghu MS Three Services Limited kien jaghti servizzi ta' konsulenza lil Charles Demicoli vis-à-vis socjetajiet immexxi minnu, fosthom is-socjetà Carnaby Maintenance Limited, huwa kategorikament cahad li qatt kellu, personalment jew tramite s-socjetà tieghu MS Three Services Limited, involviment dirett fl-imsemmija socjetà – *kemm f'ismi personali kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS 3 Services Limited u l-istess MS 3 Services Limited m'ghandna u qatt ma kellna l-ebda konnessjoni mas-socjetà attrici. Ahna lanqas kellna l-ebda forma ta' involvement f'din is-socjetà. Irrid nghid illi jiena ma nafx jew ahjar ma niftakarx min kienu l-azzjonisti originali tas-socjetà attrici però bhala persuna direttament konnessa ma' din is-socjetà niftakar li kien hemm certu Charles Demicoli. Kien hemm ukoll zewg persuni ohra li ghamlu x-xoghol ta' din is-socjetà izda niftakar li wiehed minnhom kien jismu Patrick Bezzina imma l-iehor le. Bhala xoghol is-socjetà attrici kienet taghmel xoghol ta' tibjid u xoghol iehor li jiena nirreferi ghalih bhala ta' kuntrattur*. Fir-rigward tat-truck in kwistjoni l-konvenut xehed illi *fir-rigward tat-truck meritu tal-proceduri odjerni jiena naf li s-socjetà attrici kellha truck li kienet tuzah ghax-xoghol taghha però ma nistax nghid jekk dan it-truck li kienet tuza s-socjetà attrici huwiex l-istess wiehed ghal liema qieghda ssir referenza ghalih fl-avviz. Jiena dan it-truck imsemmi fl-avviz ma naf assolutament xejn dwaru, la naf min fejn gie akkwistat, kemm gie akkwsitat jew x'kienu l-modalitajiet tal-pagamenti marbuta ma' l-istess truck. Dan it-truck qatt ma gie fil-pussess jew fi proprjetà la tieghi u lanqas ta' xi socjetà immexxija minni. Darba minnhom waqt laqgha tas-socjetà attrici li ghaliha kont prezenti jiena, Charles Demicoli kien informa sija lin-nies tieghu involuti fis-socjetà, li kienu prezenti ghall-laqgha, u naturalment jiena wkoll billi kont hemmhekk, illi kien lahaq ftehim ma' xi nies ohrajn dwar il-bejgh ta' azzjonijiet tas-socjetà attrici. Ghalkemm naf li kien hemm dan il-ftehim, jiena dettalji dwaru ma naf assolutament xejn. Issemmew tlett persuni fil-kuntest ta' dan il-ftehim dwar il-bejgh ta' azzjonijiet tas-socjetà attrici u dawn kienu Dr. Adrian Delia, Edward Demicoli u persuna ohra jiena ma nafx min hu u qatt ma ltqajt mieghu. Irrid nghid li Edward Demicoli u Dr. Delia nafhom ukoll fuq bazi personali. Jiena dwar l-ezitu ta' dan il-ftehim fir-rigward tat-trasferiment ta' l-azzjonijiet tas-socjetà attrici jiena ma nafx jekk giex attwat jew le. Jiena ma bqajtx nattendi laqghat tas-socjetà attrici w allura ma nafx x'gara. Is-socjetà attrici fiz-zmien kellha accountant certu Patrick Warrington. Dan ma kienx jahdem mill-istess premises tas-socjetà attrici. Kien izomm il-kotba ta' din is-socjetà attrici mill-ufficcju tieghu. Darba minnhom niftakar li Patrick Warrington kien cempilli u qalli li Charles Demicoli kien talbu jitlob nofs il-valur tat-truck meritu tal-kontestazzjoni minn ghandi. Jiena mal-ewwel ghedtlu li m'ghandix x'naqsam u jekk ghandu xi karti x'jurini fejn jien nista' inkun b'xi mod involut jghaddihomli, izda dawn il-karti baqghu ma gew moghtija lili qatt. Jiena qatt ma ffirmajt l-ebda*

[17] Fol. 80 sa' 84 tal-process.

*forma ta' dokument jew kuntratt fir-rigward tat-truck meritu tal-kontestazzjoni. Kull meta nirrferi ghalija, jiena nkun qed naghmel din ir-referenza sija fil-vesti tieghi personali kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà konvenuta. ... Jiena ma naf assolutament xejn fuq it-truck meritu tal-kontestazzjoni u lanqas naf fejn qieghed. Fil-pussess ta' min u jekk sarux hlasijiet fuqu sal-gurnata ta' llum. Fejn fl-affidavit tieghu a fol. 52 tal-process Charles Demicoli jghid li kellu ftehim verbali mieghi fir-rigward ta' din it-truck, jigifieri li nhallas nofs il-valur ta' l-istess, jiena nghid dwar dan qatt ma kelli l-ebda forma ta' ftehim u lanqas qatt tkellimt f'dan is-sens la mieghu u lanqas ma' l-azzjonisti l-godda tas-socjetà attrici, jigifieri Edward Demicoli u Dr. Adrian Delia. Naturalment hawnhekk ukoll fejn jiena qieghed insemmi lili qed nirreferi ghalija personali, kif ukoll ghas-socjetà konvenuta. Nghid li lanqas qatt kien hemm xi skambju ta' korrispondenza jew emails bejnietna f'dan ir-rigward.*

Huwa evidenti li fil-kaz in ezami s-socjetà attrici tippretendi li ghandha kreditu fil-konfront tal-konvenut proprio et nomine, pretensjoni din kategorikament respinta u michuda mill-istess konvenut proprio et nomine. Fil-fehma tal-Qorti hawn japplika l-principju guridiku li *l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju "actor non probante, reus absolivtur"*[18] u l-principju guridiku li *in forza tal-principju tad-Dritt Ruman, il-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat. B'danakollu spiss jigri wkoll li waqt l-andament tal-kawza l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra. Dan jigri meta jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hi sostenuta*[19].

Wara li kkunsidrat il-provi kollha prodotti l-Qorti hi tal-fehma li s-socjetà attrici ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li l-konvenut, kemm f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited, huwa debitur taghha. Ghalkemm is-socjetà attrici tikkontendi li l-konvenut kien Direttur fis-socjetà Carnaby Maintenance Limited, fatt dan kategorikament michud mill-istess konvenut, hija ma ressqet l-ebda prova fir-rigward, prova li facilment setghet tigi prodotta minnha. Flok ma ressqet prova adegwata ta' tali fatt, kif huwa l-obbligu taghha li taghmel, waqt it-trattazzjoni orali s-socjetà attrici semplicement issottomettiet li ladarba jirrizulta li l-konvenut ipprovda servizzi ta' konsulenza lil Charles Demicoli vis-à-vis is-socjetajiet tieghu, inkluza is-socjetà Carnaby Maintenance Limited, allura jirrizulta ness bejn il-konvenut u l-imsemmija socjetà, liema ness skontha huwa sufficjenti biex jipprova li l-konvenut huwa debitur taghha. Frankament il-Qorti tqis li tali sottomissjoni tas-socjetà attrici hija ghal kollox guridikament zbaljata u fil-fatt bl-ebda mod ma tikkostitwixxi prova, wisq

[18] Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.
[19] Joseph C. Agius v. Av. Dottor Richard Galea Debono noe, Citaz. Nru. 806/92 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2002.

inqas prova sodisfacenti, li l-konvenut proprio et nomine huwa debitur taghha.

Apparte minn hekk is-socjetà attrici lanqas irnexxielha tressaq prova sodisfacenti ta' l-allegat trasferiment tat-truck ta' l-ghamla Leyland a favur Charles Demicoli u/jew il-konvenut.

Il-pretensjoni attrici hija semplicement imsejsa fuq l-allegazzjoni li kien hemm ftehim verbali bejn l-azzjonisti l-godda tas-socjetà, ossia l-Avukat Dottor Adrian Delia, Edward Demicoli u Anthony Debono, u l-azzjonisti jew diregenti precedenti tas-socjetà, ossia skontha Charles Demicoli u l-konvenut, li dan it-truck kellu jigi trasferit a favur Charles Demicoli u l-konvenut b'dana li huma jirrifondu lura hlasijiet li gew effettwati minnha wara li dan it-truck allegatament ghadda f'idejhom. Madanakollu però mix-xhieda tar-rapprezentant ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Brian Farrugia, ma jirrizulta l-ebda trasferiment ta' truck ta' l-ghamla Leyland mis-socjetà attrici lil Charles Demicoli u/jew il-konvenut f'ismu proprio et nomine.

Mix-xhieda li ta Brian Farrugia waqt is-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2011[20] u mid-dokument esebit minnu waqt l-imsemmija seduta[21], jirrizulta li t-truck ta' l-ghamla Leyland bin-Numru ta' Registrazzjoni CAD-654 (u mhux bin-Numru ta' Registrazzjoni CAD-645 kif indikat fl-Avviz in kwantu rrizulta li l-vettura b'tali numru ta' registrazzjoni hija vettura ta' l-ghamla Ford Escort li dak iz-zmien kienet registrata f'isem terza persuna mhux konnessa ma' dawn il-proceduri) kien gie registrat f'Malta fid-29 ta' April 1996 minn Emanuel Grima. Fil-25 ta' Gunju 1996 dan it-truck gie trasferit a favur is-socjetà Carnaby Maintenance Limited u **baqa' hekk registrat f'isimha sakemm gie trasferit a favur Patrick Tabone fil-11 ta' Gunju 1998**. Minn tali dokumentazzjoni ufficjali ta' l-Awtorità kompetenti kjarament ma jirrizulta l-ebda trasferiment tat-truck in kwistjoni a favur il-konvenut, la f'ismu proprio u lanqas in rapprezentanza tas-socjetà MS Three Services Limited.

Fattur iehor li jimpingi serjament fuq il-kredibilità ta' dak allegat mis-socjetà attrici vis-à-vis il-konvenut proprio et nomine huwa li ghalkemm l-azzjonisti tas-socjetà attrici jallegaw li l-ftheim intlahaq ma' Charles Demicoli **u** mal-konvenut, l-interpellazzjoni ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,750 originarjament saret fil-konfront ta' Charles Demicoli biss. Kien biss wara li b'ittra datata 14 ta' Gunju 1998 Charles Demicoli ssugerielhom li jigbru l-bilanc ta' Lm875 (ghaliex huwa jidher li hallas is-somma ta' Lm875 mit-total ta' Lm1,750) minghand George Papagiorcopulo li s-socjetà attrici daret fuq il-konvenut u talbitu l-hlas ta' l-imsemmija somma ta' Lm875. B'hekk anke l-mod kif is-socjetà attrici ghazlet li tipprocedi ghall-gbir ta' dan l-allegat kreditu taghha serjament ipoggi fid-dubju kemm effettivament il-konvenut proprio et nomine huwa debitur taghha.

[20] Fol. 115 u 116 tal-process.
[21] Dok. "GV1" a fol. 113 u 114 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk is-socjetà attrici ma rnexxilhiex tipprova l-premessi ghat-talba taghha fil-konfront tal-konvenut proprio et nomine u konsegwentement ghalhekk it-talba taghha kif diretta kontra l-imsemmi konvenut proprio et nomine ghandha tigi michuda u dana b'osservanza w applikazzjoni tal-principju guridiku fondamentali li *f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta. L-applikazzjoni tal-principju actore non probante reus absolvitur kienet essenzjalment ezercizzju ta' analizi ta' provi fil-procedura civili. Dan il-principju mhux biss kien wiehed legalment san, imma kien ukoll regolatur fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi fil-kamp civili*[22].

B'hekk l-eccezzjoni fil-meritu sollevata mill-konvenut proprio et nomine tirrizulta li hija gustifikata u bhala tali jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut proprio et nomine, tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-istess konvenut proprio et nomine u konsegwentement tichad it-talba tas-socjetà attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu esklussiv tas-socjetà attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[22] Hans Jochim Link et v. Raymond Mercieca, Avviz Nru. 2101/98 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2001.